# Restawrar tal-Pedestall

*minn Mario Camilleri Cauchi*

Kien hemm ħafna affarijiet evidenti fil-pedestall li kienu juru li l-pedestall kellu bżonn ta' restawrazzjoni. Wieħed seta' faċilment jinnota li l-pedestall kien neża' sewwa mid-deheb u kellu diversi ksur u partijiet neqsin. Iżda l-aktar ħaġa inkwetanti kienet is-susa li attakkat sewwa l-pedestall. Minħabba din ir-raġuni, l-ewwel biċċa xogħol li saret kienet li tneħħa l-ġibs kollu biex jinkixef l-injam; wara li żżarma mid-disinni dekorattivi tiegħu. Hawnhekk sirna nafu kemm verament kienet kbira l-problema tas-susa, għax is-susa kienet attakkat l-anima u kilitha kompletament. Qed



jingħad dan kollu mhux biex jinkiteb xi komponiment ikraħ iżda nikkonferma li hemm ritratti u saħansitra l-arċipriet għandu kampjuni ta' dan li qed ngħid. L-iktar biċċa inkrepattiva kienet li bdilna l-injam nieqes u saħansitra sarlu bażi ġdida bir-roti, li biha l-pedestall jitħarrek faċilment mingħajr ma jkun imkaxkar. Anki s-sistema li biha tintrabat l-istatwa mal-pedestall inbidlet. Dan sar biex tiġi eliminata l-ħsara li kienet issir fil-gwarniċa ta' fuq. Wara saritlu l-iskultura u ġew imnaqxa d-disinni li kellu neqsin fosthom dawk mikula bis-susa. Waqt dan ix-xogħol, inkixxfu diversi dati li saru mill-artist Guiseppe Tonna, u jġibu d-data ta' 1903, 1913 u 1915. Instabu wkoll dettalji bil-lapes fid-dekorazzjoni tal-pedestall, li għal xi raġuni jew oħra ma kinux esegwiti fl-ewwel induratura. Ma għandniex xi ngħidu, qabel beda l-process ta' l-induratura l-injam kollu anke dak ġdid ġie ittrattat kontra s-susa. Wara din ir-restawrazzjoni fl-injam beda l-proċess ta' l-induratura billi ingħata l-"gesso a base". Wara l-"intelaggio" ingħata diversi passati "gesso grosso". Fl-ahhar ingħata l-"gesso sottili" u ġie irfinat. Hawnhekk sar l-isgraffiti u d dettalji fil-ġibs; ma' dawk esistenti saru ukoll dawk li semmejna aktar 'l quddiem ta' l-awtur Tonna. Wara ingħata l-boll u bdiet l-induratura. L-induratura saret bis-sistema tal-boll. Id-deheb użat huwa doppju ta' 24 karat u fil-parti fejn hu ta' lewn aktar ħadra intuza d-deheb aħdar ta' 18-il karat. Fl-aħħarnett reġgħu twaħħlu d-disinni bid-doules fejn



ġew eliminati l-imsiemer kollha li kienu imwaħħlin bihom d-disinni oriġinarjament.